III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/814/PESK

tat-13 ta' Ottubru 2008

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ([1]).

(2) Dik l-Azzjoni Konġunta tipprevedi li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Fit-13 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Presidenza, assistita fejn meħtieġ mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, f'każ ta' operazzjonijiet futuri tal-UE ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet sabiex tiftaħ negozjati ma' Stati terzi bil-ħsieb li tikkonkludi ftehim abbażi tal-mudell tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Stat terz dwar il-parteċipazzjoni ta' Stat terz f'operazzjoni tal-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet. Abbażi ta' dak, il-Presidenza nnegozjat Ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO, hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 13 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

B. KOUCHNER

([1]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.